MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 42/2005

**Lawrence Cuschieri**

**Vs**

**Avukat Generali; Onorevoli Ministru tal-Ambjent u d-Direttur tax-Xogholijiet; u Saviour Gauci f'isem il-Gvern ta' Malta bhala successur tal-Malta Drydocks**

F'dan il-kaz ir-rikorrent fittex rimedju ghaliex qal li nkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, il-jedd illi ma ssirx diskriminazzjoni kontra tiegħu fit-tgawdija tal-jeddijiet tiegħu, u l-jedd għall-pussess u t-tgawdija paëifika tal-beni tiegħu.

Permezz ta' sentenza preliminari li nghatat fis-26 ta' Ottubru 2010 din il-qorti ddecidiet hekk:

*"24. Għal dawn ir-ragunijiet il-qorti tipprovdi billi:*

*i. teħles lill-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l- Ambjent u lid-Direttur Generali tax-Xogħlijiet mill-ħarsien tal-agudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur;*

*ii. tagħżel li ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319], iżda biss safejn l-ilment tal-attur jolqot il-jedd tiegħu għat-tgawdija tal-beni tiegħu, il-jedd għal rimedju effettiv u l-jedd li ma ssirx diskriminazzjoni kontra tiegħu it-tgawdija tal-jeddijiet, u tordna li jitkompla s-smigħ safejn l-ilment jolqot il-jedd għal smigħ fi żmien ragonevoli; u*

*iii. minħabba l-meritu kif issa definit u ristrett, teħles lil Saviour Gauci nomine mill-ħarsien tal-gudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.*

*25. L-ispejjeż, ħlief dawk tal-konvenuti li nħelsu mill-ħarsien tal-agudizzju, li għandu jħallashom l-attur, ikunu regolati fis-sentenza finali".*

Fir-rigward tal-ilment li qieghed jigi trattat f'din is-sentenza, l-Avukat Genrali qal: -

*"5. Illi rigward l-allegazzjoni ta' ksur ta' dritt għal smigħ xieraq minħabba dewmien fi proċeduri kriminali, l-esponenti jissottomettu li kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni jikkwalifikaw id-dritt ta' smigħ xieraq bil-frażi 'fi żmien raġonevoli'. Allura l-ewwel irid ikun stabbilit x'inhi t-tifsira tal-kelma 'raġonevoli'. X'inhu u x'mhux raġonevoli bħala perjodu għas-smigħ ta' kawża huwa relattiv. Dan jiddependi minn diversi fatturi li huma uniċi għal kull każ. Għalhekk m'hemmx xi żmien stabbilit li fih trid tibda u tintemm kawża;*

*Illi l-esponenti jissottomettu wkoll li t-tul tal-proċeduri għandu jkun eżaminat mhux biss fir-rigward ta' trapass ta' żmien, iżda wkoll fir-rigward tar-raġuni għaliex twalu l-proċeduri. Każistika kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg ipprovdiet li rigward allegazzjoni ta' dewmien ta' proċeduri, irid ikun eżaminat fost oħrajn il-volum tax-xhieda, kemm hemm nies akkużati u kemm hemm akkużi, il-bżonn ta' xhieda mill-esperti, il-bżonn ta' xhieda minn barra l-pajjiż, u l-kumplessita' tal-punti legali involuti fil-każ. It-tul ta' żmien li jieħdu l-proċeduri, fih innifsu, mhux prova ta' nuqqas ta' smigħ xieraq;*

*Illi barra minn hekk, jingħad ukoll li r-rikorrent jagħżel li ma jsemmix fir-rikors promotur li fil-mori tal-proċeduri kriminali kontrieh, hu talab li jsiru mill-inqas tliet referenzi kostituzzjonali, kollha naturalment relatati mal-istess proċeduri kriminali kontrieh. Fil-fatt dawn il-proċeduri kollha ntemmu b'deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali. Għalhekk l-esponenti jissottomettu li ladarba r-rikorrent ħa ż-żmien neċessarju biex utilizza rimedji oħra li tagħtih il-liġi fil-mori tal-proċeduri kriminali, allura issa ma jistax jallega li d-dewmien kien b'xi mod ir-responsabilta' tal-esponenti. Għalhekk ma treġix l-allegazzjoni tar-rikorrent li ma kellux smigħ xieraq minħabba dewmien fil-proċeduri. Lanqas ma jista jallega li ma kellux smigħ xieraq meta tqis in-numru ta' proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi li r-rikorrent istitwixxa u li jittrattaw l-istess mertu".*

**Kwistjoni**.

Wara s-sentenza ta' din il-qorti tas-26 ta' Ottubru 2010, fadal l-kwistjoni dwar l-ilment ta' nuqqas ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli.

Fis-17 ta' Marzu 1983 ir-rikorrent tressaq il-qorti, flimkien ma' tlett persuni ohra, u gie akkuzat b'korruzzjoni sabiex jinhareg permess tal-bini. B'sentenza tas-16 ta' Novembru 1999 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) lliberat lir-rikorrent mill-akkuzi.

Sabiex tinghata din is-sentenza l-qorti kellha bilfors tara l-atti tal-kawza kriminali. L-ilment tar-rikorrent gie spjegat hekk:-

*"Il-proceduri kriminali kontra l-attur dwar allegazzjonijiet ta' korruzzjoni inbdew fis-17 ta' Marzu 1983 u l-attur gie liberat mill-akkuzi kollha b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Novembru 1999, meta l-attur dakinhar kien kwazi ghalaq is-sebghajn sena"*.

Jidher ghalhekk li l-bazi tal-ilment tar-rikorrent hu li l-process kriminali dam iktar minn 16 il-sena biex jinghalaq. Madankollu t-trapass ta' dawk is-snin kollha ma jfissirx awtomatikament li kien hemm lezjoni ghad-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. L-ilment tar-rikorrent irid jigi kkunsidrat fid-dawl ta' dak li sehh matul il-perjodu li fih dam pendenti l-process kriminali. Ezercizzju li kien jinnecessita' li l-qorti tara l-atti tal-proceduri kriminali.

Issa li l-atti tal-proceduri kriminali tqieghdu ghad-disposizzjoni tal-qorti, tista' tghaddi ghas-sentenza. Hadd mill-partijiet ma pprezenta sottomissjonijiet.

**Konsiderazzjonijiet**.

Mill-atti tal-process kriminali jirrizulta:-

1. Il-provi kienu bdew jingabru fil-25 ta' Marzu 1983 meta xehed l-Ispettur Joseph M. Azzopardi.
2. Xhieda tal-prosekuzzjoni nstemghu wkoll fis-seduti tat-8 ta' April 1983, 10 ta' Gunju 1983, 5 ta' Awissu 1983, 6 ta' Ottubru 1983, 9 ta' Dicembru 1983, 17

ta' Dicembru 1984, 18 ta' Frar 1986. Kien hemm seduti ohra li fihom nstemghu xhieda, kif ser inghad hawn taht.

3. Fit-2 ta' Frar 1984 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex iktar provi xi tressaq. Fil-verbal jinghad: *"L-imputat jirrizerva li jgib il-provi tieghu fi stadju ulterjuri tal-procediment"*. L-istess dikjarazzjonijiet saru fid-9 ta' April 1984, 14 ta' Gunju 1984, 1 ta' Awissu 1984, 8 ta' Ottubru 1984, ghalkemm l-Avukat Generali xorta baqa' jaghmel rinviji biex jinstemgu iktar xhieda.
4. Fis-27 ta' Jannar 1985 l-Avukat Generali talab li jizdiedu l-akkuzi u jinstemghu xhieda ohra.
5. Fis-seduta tat-18 ta' Marzu 1985 zdiedu l-akkuzi fil-konfront tar-rikorrent. Fis-seduta tal-20 ta' Marzu 1985 gie ddikjarat li l-prosekuzzjoni ma kellhiex provi f'dak l-istadju. Madankollu baqghu jsiru r-rinvji mill-ufficcju tal-Avukat Generali biex jinstemghu iktar provi.
6. Fit-13 ta' Awissu 1985 inghatat is-sentenza fil-konfront tat-tlett imputati l-ohra, u sar appell.
7. Fit-22 ta' Ottubru 1985 it-tlett imputati l-ohra ghazlu li ma jwiegbux ghad-domandi ghaliex kien ghad hemm l-appell pendenti. Minhabba din il-posizzjoni, jidher li l-prosekuzzjoni ma setatx tiddikjara l-kaz maghluq. Jirrizulta wkoll li fil-25 ta' Lulju 1986 l-appell kien deciz. L-imputati l-ohra xehedu waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru 1987. Wiehed mill-imputati rega' xehed fis-seduta tat-22 ta' Jannar 1988, iehor fis-6 ta' Gunju 1988, u fis-6 ta' Dicembru 1988 xehed t-tielet wiehed. Fl-20 ta' Frar 1989 regghu xehed tnejn mit-tlett imputati l-ohra.
8. Fis-27 ta' Marzu 1989 nhargu l-artikoli. Minn hemm 'il quddiem saru diversi seduti ghall-provi tar-rikorrent. L-ewwel seduta kienet tas-26 ta' Mejju 1989 li fiha talab iktar zmien sabiex ihejji d-difiza. L-istess gara fl-10 ta' Lulju 1989. Imbaghad fl-4 ta' Settembru 1989 talab rikuza tal-Magistrat. B'digriet tal-11 ta' Ottubru 1989 il-qorti laqghet it-talba. Wara r-rikorrent talab riferenza (seduta tas-6 ta' Dicembru 1989). L-ilment kien minhabba emenda fil-ligi. B'digriet tal-21 ta' Dicembru 1989 il-qorti laqghet it-talba. Minn hemm bdew sensiela ta' proceduri kostituzzjonali li waslu biex dan il-kaz jitkompli jitwal. F'dan ir-rigward kien hemm:
   (a) Ir-riferenza, li eventwalment giet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Jannar 1992 (Riferenza numru 288/1990). Jidher li l-kawza kriminali baqghet tistenna l-ezitu tar-riferenza kostituzzjonali.
   (b) Kawzi kostituzzjonali ntavolati mir-rikorrenti li gew decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Awissu 1994 u 6 ta' April 1995. Fil-fatt ir-rikorrent kien impunja s-sentenza tat-8 ta' Jannar 1992 b'ilment ta' ksur tad-drittiijet fundamentali tal-bniedem.

Hu evidenti li dan wassal sabiex il-proceduri kriminali jitwalu. Fil-fatt b'nota prezentata fl-20 ta' Mejju 1992 ir-rikorrent talab lill-qorti tissoprasjedi sakemm tinqata' l-kawza 371/92 li ppropona quddiem il-Prim'Awla. Id-difensur tar-rikorrent ghalaq in-nota billi qal: *"L-ispeditezza fl-amministrazzjoni tal-gustizzja hija valur importanti u mill-aktar respettabbli. Imma fil-konfront tal-valur tac-certezza tad-dritt, tal-liberta personali u tal-irreversabilita tal-piena karcerarja, l-ghaggla ghandha icciedi temporanjament. L-izbalji gudizzjarji ma jithassrux b'cheque imhalla mit-taxpayer"*. Id-difensur tal-prosekuzzjoni oggezzjona tant li fis-seduta tal-4 ta'

Settembru 1992 iddikjara li l-qorti kellha d-dmir li tkompli bis-smiegh tal-kawza. Mill-atti jirrizulta li qatt ma nghata provvediment. Sussegwentement mill-atti tal-proceduri kriminali hu evidenti li l-partijiet hadu l-atteggjament li jistennew l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali qabel jitkompla l-kaz. Fil-fatt fil-verbali tas-seduti jinghad li *'l-kawza kostituzzjonali ghadha pendenti'*. Il-kaz baqa' jigi differit sakemm fis-seduta tat-22 ta' April 1998 id-difensur tar-rikorrent talab differiment sabiex *"...... huwa jkun jista' jidderigi ruhu ahjar u ghall-provi tad-difiza, kollha"*.

9. Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 1998 il-qorti ddiferiet il-kawza ghas-sentenza. Seduta li fiha r-rikorrent u d-difensur tieghu ma deherux. Fis-seduta tat-13 ta' Jannar 1999, 15 ta' Marzu 1999, 12 ta' Ottubru 1999, u 8 ta' Novembru 1999 u 15 ta' Novembru 1999, il-kawza baqghet tigi differita ghas-sentenza. Imbaghad fis-16 ta' Novembru 1999 inghatat is-sentenza.

Is-sentenza **tat-28 ta' Frar 2014** fil-kaz **Joseph Gatt et vs Avukat Generali** kienet ukoll titratta ilment dwar dewmien ezagerat fi proceduri gudizzjarji. Il-qorti kkumentat hekk fuq:-

(a) **Iz-zmien kemm damu pendenti l-proceduri**:-

*"Hu ormai ben assodat, kemm fil-gurisprudenza tal- Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropeja li, biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz b'mod partikolari **l-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz**, kif **gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom**, **kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef ir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-istess proceduri**, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jigi deciz b'mod finali l-kaz. (Vide Frydlender v. France GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII).*

*13. Ghalhekk f'kawza bhal din m'ghandux biss semplicement jigi konsidrat it-tul effettiv kemm damet il- kawza biex tigi deciza. Ghandhom ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni fatturi ohra.*

*14. Inoltre l-fattur taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz [ara Applik Nru 1103/6 kontra l-Belgju] [Ara wkoll, Q.Kos. Joseph Camilleri v. Avukat Generali – 28 Settembru 2012; ara wkoll Q.Kos. Geroge Xuereb v. Registratur tal-Qorti – 8 Novembru 2004; Q.Kos. Dr. Lawrence Pullicino v. Onor. Prim Ministru 18 Awwissu 1998; Q.Kos. John Bugeja v. Avukat Generali - 8 Novembru 2003]".*

**(b)Il-kumpens**:-

*"1. L-atteggjament passiv tar-rikorrenti u anke tal-konvenut matul il-proceduri.*

*2. In-nuqqas da parti tal-istat li johloq sistema effikaci sabiex hadd ma jithalla jabbuza bil-process gudizzjarju anke permezz tan-non kuranza tieghu.*

*3. Iz-zmien li r-rikorrenti hallew jghaddi qabel ma stitwew il-proceduri odjerni ghall-otteniment ta' rimedju ghal vjolazzjoni ravvizata.*

*26. Din il-Qorti tirrileva li ghalkemm il-kawzi damu ghexieren ta' zmien, circa gherbin (40) sena, ir-rikorrenti pprezentaw il-proceduri odjerni f'Marzu 2010. Dan id-dewmien da parti taghhom biex jirreklamaw ir-rimedji kostituzzjonali, apparti milli jkompli juri l-passivita` da parti tar-rikorrenti, jimmilita kontra taghhom fil-komputazzjoni tal-kumpens; il-Konvenzjoni ma tiffavorixxix lil min jorqod fuq id-drittijiet tieghu. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti hadu naghsa twila hafna fejn jidhlu d-drittijiet konvenzjonali taghhom ghax hallew aktar minn erbghin (40) sena sabiex fl-ahhar jiehdu passi konkreti sabiex iressqu l-ilment kostituzzjonali taghhom".*

Wara l l-qorti rat il-process tal-proceduri kriminali tosserva:

i. Il-proceduri kriminali kontra Lawrence Cuschieri bdew f'Marzu 1983 u spiccaw fis-16 ta' Novembru 1999. B'kollox iktar minn sittax-il sena. Pero' dan fih innifsu ma jfissirx li r-rikorrent ma nghatax smiegh xieraq fi zmien ragonevoli.

ii. Hu minnu li fil-perjodu bejn **id-9 ta' Dicembru 1983 u 17 ta' Dicembru 1985**, tista' tghid ma sar xejn. Ghalkemm kien hemm rinviji mill-Avukat Generali, l-uniku xhud li nstema' kien l-Ispettur Noel Schembri li ma qal xejn gdid.

iii. Fis-7 ta' Jannar 1985 zdiedu l-akkuzi kontra r-rikorrent Cuschieri u l-Avukat Generali baghat lit-tlett imputati l-ohra sabiex jigu gudikati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta). Fil-fehma tal-qorti dan ma kienx xi kaz kumpless. Ir-rikorrent kien ko-imputat ma' tlieta ohra sakemm saret is-separazzjoni tal-gudizzju. L-imputati l-ohra ghazlu li ma jiddeponux peress li l-kaz taghhom kien ghadu pendenti. Dan wassal biex il-kaz jitkompla jitwal. Kien biss wara li nghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, 25 ta' Lulju 1986, li dawn il-persuni setghu jixhdu. Ghalhekk dan hu dewmien li l-qorti ma kellhiex kontroll fuqu. Sussegwentement fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 1986 ir-rikorrent talab ghar-rikuza tal-Magistrat peress li kien diga' ta s-sentenza fil-konfront tal-imputati l-ohra. Fl-1 ta' Dicembru 1986 it-talba giet michuda.

iv. Hu fatt li minn meta nghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (25 ta' Lulju 1986) sakemm xehedu l-persuni l-ohra li originarjment kienu ko-imputati mar-rikorrent, ghaddew iktar minn sentejn[1]. Fil-fatt jirrizulta li l-ahhar xhieda tal-prosekuzzjoni nstemghet fl-20 ta' Frar 1989. F'dan il-perjodu jirrizulta li:-

- Ir-rikorrent talab ghar-rikuza tal-Magistrat li kien qieghed jisma' l-kaz. Materja li giet sollevata waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 1986.

[1] Fis-sentenza **Bunate Bunkate vs Netherlands** (1993), il-Qorti Ewropea qalet li kien hemm dewmien ezagerat minhabba li kien hemm perjodu ta' 15 il-xahar fejn appell gie trasferit minn Qorti tal-Appell ghall-ohra.

Fl-1 ta' Dicembru 1986 inghata provvediment li bih it-talba tar-rikorrent giet michuda.

- Is-seduti tat-28 ta' Jannar 1987 u 11 ta' Marzu 1987 ma sarux ghaliex ir-rikorrent ma kienx prezenti. F'kull seduta gie pprezentat certifikat mediku li fih kien jinghad li r-rikorrent kien marid.
- Ghas-seduta tad-29 ta' April 1987 ir-rikorrent talab li l-kaz jigi differit ghal data wara t-12 ta' Mejju 1987 ghaliex l-avukat ta' fiducja tieghu kien ser ikun impenjat b'xoghol iehor barra l-qorti.
- Fis-seduta tal-20 ta' Awissu 1987 xehed l-Ispettur Joseph Azzopardi u jidher li xhieda ohra ma kienux gew notifikati. Tas-6 ta' Novembru 1987 xehed l-ewwel xhud li originarjament kien ko-imputat mar-rikorrent. L-istess xhud rega' xehed fis-seduta tat-22 ta' Jannar 1988.
- Is-seduta tas-6 ta' April 1988 ma saritx fuq talba tar-rikorrent.
- Tas-6 ta' Gunju 1988 instema' xhud iehor. Jidher li s-seduta ma setatx titkompla ghaliex l-ufficjal prosekutur kellu kaz iehor quddiem qorti ohra.
- Tal-10 ta' Awissu 1988 ma sar xejn ghaliex ix-xhieda ma deherux minkejja li kienu notifikati.
- Tal-10 ta' Ottubru 1988 ma sar xejn ghaliex l-ufficjal prosekutur kien impenjat b'xoghol iehor.
- Is-seduta tal-14 ta' Novembru 1988 ma saritx peress li r-rikorrent ma kienx assistit minn avukat. Dakinhar ir-rikorrent spjega li l-Gimgha kien ircieva n-notifika biex jattendi l-qorti u ma rnexxielux jikkomunika mal-avukat ta' fiducja tieghu.
- Tas-6 ta' Dicembru 1988 xehedu tnejn mill-persuni li originarjament kienu ko-imputati mar-rikorrent.
- Fl-20 ta' Frar 1989 regghu xehedu t-tlett persuni li originarjament kienu ko-imputati flimkien mar-rikorrent.

Fil-fehma tal-qorti ma kienx hemm bzonn li jghaddi dak iz-zmien kollu sabiex jiddepponu erba' persuni. Madankollu hu fatt li r-rikorrent ikkontribwixxa mhux ftit biex matul dan il-perjodu l-kaz twal. Bizzejjed jinghad li talab ghar-rikuza tal-Magistrat, kien hemm zewg seduti li fihom ma attendiex u kien hemm zewg seduti li ma sarux fuq talba tieghu.

v. M'hemmx dubju li d-dewmien registrat fil-perjodu **mis-17 ta' April 1989 sal-5 ta' Ottubru 1998** kien minhabba li:

(a) inizjalment ir-rikorrent ma ressaqx provi u beda jitlob differiment minn seduta ghall-ohra. Hekk per ezempju gara fis-seduti tal-25 ta' April 1989, 26 ta' Mejju 1989, 10 ta' Lulju 1989.

(b) ir-rikorrent talab ir-rikuza tal-Magistrati sedenti (rikors tal-4 ta' Settembru 1989). B'digriet tal-11 ta' Ottubru 1989 it-talba giet milqugha. Imbaghad fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 1989 id-difiza tar-rikorrent ilmentat li fis-sena 1988 kienet giet emendata l-ligi u dan

wassal biex *"….. l-oneru tal-prova fuq il-Prosekuzzjoni gie mibdul u gie alleggerit, u l-Prosekuzzjoni qeghda titlob li Lorry Cuschieri jigi gudikat skond il-ligi kif emendata".* Ilmenta li dan jikser id-drittijiet fundamentali garantiti bl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7(1) tal-Att XIV tal-1987 u talab riferenza kostituzzjonali. B'digriet tal-21 ta' Dicembru 1989 il-qorti laqghet it-talba tar-rikorrent u ordnat riferenza quddiem il-Prim'Awla. Hu evidenti li f'dak l-istadju waqaf is-smiegh tal-kawza kriminali, sakemm fit-8 ta' Jannar 1992 inghatat sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali. Il-materja ma waqfitx hemm u r-rikorrent ippropona kawza ohra fejn impjuna s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. F'nota li pprezenta fl-20 ta' Mejju 1992 talab ghas-soprasessjoni tal-kawza sakemm tigi deciza l-kawza l-ohra. Ghalkemm inizjalment il-prosekuzzjoni kienet qeghda toggezzjona, jidher li l-prosekuzzjoni ma baqghetx tinsisti li l-qorti tkompli bis-smiegh tal-kawza. M'hemmx dubju li fir-rigward ta' dan il-perjodu r-rikorrent ma jistax jilmenta minn dewmien ezagerat fil-process kriminali, gialadarba kienu l-proceduri li ppropona hu stess li taw lok ghad-dewmien. Sahansitra kien hu stess li nsista li qabel jigu decizi l-kawzi l-ohra s-smiegh tal-kaz kriminali ma jkomplix.

Meqjus dak li nghad hawn fuq il-qorti tikkonkludi li fil-kawza kriminali kien hemm dewmien bla bzonn li l-intimat naqas milli jiggustifika f'zewg perjodi identifikati hawn fuq. Pero' ghal dak li jirrigwarda kumpens il-qorti m'hijiex tal-fehma li ghandu jithallas xi ammont meta tqies:-

i. 'Il fatt li l-kaz tal-ko-imputati l-ohra kien ghadu pendenti ma kienx ta' ghajnuna, gialadarba rrifjutaw li jiddeponu diment li l-kaz taghhom kien ghadu pendenti. Fatt li l-intimat ma kellu l-ebda kontroll fuqu. Dan apparti li ghall-prosekuzzjoni d-deposizzjoni ta' dawk it-tlett xhieda kienet prova kardinali.
ii. Il-kawza kriminali giet deciza fis-16 ta' Novembru 1999 u kien biss sitt snin wara li r-rikorrent ilmenta dwar dewmien eccessiv fil-process kriminali.
iii. Fil-kors tal-process kriminali r-rikorrent qatt ma lmenta li l-process kriminali kien qiegħed jiehu t-tul.
iv. Fil-perjodu bejn **is-17 ta' April 1989 sal-5 ta' Ottubru 1998** id-dewmien ma kienx attribwibbli lill-qorti li kienet qeghda tisma' l-kawza kriminali. Kien ir-rikorrent stess li ma riedx li l-kaz jitkompla diment li hemm proceduri kostituzzjonali pendenti. Ghalhekk ma jistax jilmenta.
v. Il-perjodu fejn il-kaz ma kienx qieghed jitmexxa bi speditezza minghajr ebda responsabbilta' tar-rikorrent meta paragunat mal-perjodi l-ohra fejn kien hemm raguni ghalfejn kien hemm dewmien, hu qasir.

**Meqjusa dawn ic-cirkostanzi l-qorti:-**

1. **Tiddikjara li fil-kawza kriminali <u>il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri</u> deciza fis-16 ta' Novembru 1999 ma nghatax smiegh xieraq fi zmien ragonevoli (Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni).**
2. **Ghar-ragunijiet fuq moghtija hi tal-fehma li m'hemmx lok li jinghata kumpens lir-rikorrent.**

**Spejjez ta' din is-sentenza jibqghu bla taxxa.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------